MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 641/2011/1

**Pater Finance Co. Limited**

**v.**

**Dr. Kevin Schembri u martu Joanne Schembri**

**Il-Qorti:**

Rat li dan hu appell minn digriet li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Awwissu, 2011, a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), liema digriet inghata wara talba mir-rikorrenti konjugi Schembri ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv gej minn kambjala.

B'ittra ufficjali tat-18 ta' April, 2011, maghmula ghall-ghanijiet tal-Artikolu 253(e) u 256(2) tal-imsemmi Kap. 12, is-socjeta` Pater Finance Co. Ltd., li ghal fuq isimha giet girata kambjala li mmaturat fl-1 ta' Settembru, 2010, kienet sejhet lir-rkorrenti sabiex ihallsuha l-import tal-istess kambjala. B'rikors tal-1 ta' Lulju, 2011, ir-rikorrenti talbu illi l-Qorti tissospendi l-ezekuzzjoni tat-titolu peress illi skont hi jezistu ragunijiet gravi u validi sabiex tigi sospiza l-ezekuzzjoni tal-kambjala in kwistjoni peress illi l-vettura mibjugha lilhom zviluppat hsarat illi ma ssewwewx u l-indagini ta' din il-kwistjoni tehtieg ezami akkurat fil-kawza fil-meritu (li tinsab gia` pendenti quddiem dawn il-Qrati u ggib in-numru 638/11). Ir-rikorrenti ppremettew ukoll illi talbiet simili li ghamlu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghal kambjali li mmaturaw fil-perjodu bejn Dicembru 2008 u April 2010 kienu gew milqugha.

Is-socjeta` Pater Finance Co. Ltd. opponiet din it-talba u l-ewwel Qorti, b'digriet tat-12 ta' Awwissu, 2011, cahdet it-talba tar-rikorrenti wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Fl-ewwel lok tiddikjara li fir-rigward tal-kambjali li dwarhom hemm ordni ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni mill-Qorti tal-Magistrati, il-kumpannija Pater Finance Co. Limited m'ghandhiex dritt li taghmel atti ezekuttivi fir-rigward tal-kambjali li ghalihom tirreferi l-ordni tal-qorti inferjuri[1]. F'dan il-kuntest il-qorti tqis li m'ghandhiex ghalfejn taghti xi ordni ulterjuri fir-rigward tal-kambjali oggett tad-digriet tat-23/2/2011. Din il-Qorti ma tistax f'dan il-procediment toqghod tqis u taghti xi decizjoni dwar jekk in-notifika tar-rikors tad-19/8/2010 hijiex valida.

"Fir-rigward tal-kambjala li mmaturat fl-1 ta' Settembru 2010, wara li l-Qorti qieset li:-

"(a) Il-kambjali gew iggirati lill-kumpannija li ma kenitx parti min-negozju ta' bejgh u xiri;

[1] Kambjali li mmaturaw fil-perjodu bejn Dicembru 2008 u April 2010.

"(b) Fil-kawza li l-konjugi Schembri ghamlu kontra UCIM Co Limited (638/2011) u Pater Finance Company Limited, qeghdin jitolbu li l-venditrici tigi kundannata tibdel il-vettura b'ohra gdida. Jekk kellha tintlaqa' t-talba tal-atturi, il-prezz tal-vettura xorta jrid jithallas;

"u ghalhekk m'hijiex tal-fehma li hemm ir-rekwizit kontemplat mil-ligi sabiex tkun tista' tilqa' t-talba."

Ir-rikorrenti appellaw mill-imsemmi digriet u, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti jghogobha
"… … … tilqa' dan l-appell u konsegwnetament tibdel, tvarja u tirriforma d-decizjoni appellata ta' nhar it-12 ta' Awwissu, 2011 fl-ismijiet premessi billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ddikjarat illi l-kumpannija appellata ma ghandhiex dritt illi taghmel atti ezekuttivi fir-rigward tal-kambjali li ghalihom tirreferi l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), thassarha u tirrevokaha fil-bqija u minflok tilqa' t-talba tal-esponenti fl-intier taghha."

Is-socjeta` Pater Finance Co. Ltd. ressqet risposta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghogobha:
"… … … tichad l-appell tal-appellanti u dan ghar-ragunijiet sollevati fil-punti preliminari, u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma taccettax il-punti preliminari sollevati mis-socjeta` appellata fuq l-improponibbilita` u l-insostenibbilita` tal-appell interpost mill-appellanti, tichad it-talba ghall-varjazzjoni u riforma tad-digriet ta' nhar it-12 ta' Awwissu, 2011 fl-ismijiet premessi u dan minhabba l-fatt li fil-mertu ma tezisti l-ebda raguni gravi u valida fil-Ligi ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala li skadiet f'Settembru, 2010."

Wara li semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ezaminat l-atti kollha ta' dan il-process, din il-Qorti sejra tghaddi ghall-konsiderazzjonijiet u s-sentenza taghha.

Qabel ma tidhol biex tezamina l-meritu tal-kwistjoni, jehtieg li tigi determinata l-eccezzjoni tal-improponibbilita` ta' dan l-appell, sollevata in linea preliminari mis-socjeta`

Pater Finance Co. Ltd. Din is-socjeta` qed tallega li l-Artikolu 253(e) tal-imsemmi Kap. 12 ma jippermettix appell minn digriet simili, u li, f'kull kaz, l-Artikoli 229 *et. seq*. tal-istess Kap. 12, li jippreciza l-istanzi specifici meta jsir appell minn digriet partikolari, ma jaghmel ebda referenza ghal digriet moghti taht l-Artikolu 253(e) u kwindi ma hemmx lok ghall-appell.

L-Artikolu 253(e) jiddisponi li, f'kaz ta' talba ghal sospenzjoni ta' titolu ezekuttiv, il-Qorti tista' "b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala". Din il-parti ta' dan l-artikolu giet diskussa minn din il-Qorti fil-kawza **Pecorella v. Sovereign Caterers Limited et.**, deciza fit-3 ta' Frar, 2012, fejn giet sollevata kwistjoni simili. Din il-Qorti cahdet l-eccezzjoni marbuta mal-inappellabbilita` ta' digriet simili, u ghamlet is-segwenti osservazzjoni:

"1. Il-liġi tgħid espressament illi ma jkunx appellabbli d-dikriet li jissospendi l-eżekuzzjoni; *a contrario sensu*, id-dikriet li jiċħad it-talba għas-sospensjoni huwa appellabbli. U dan jagħmel ħafna sens. Il-proċedura taħt il-*proviso* għall-art. 253(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma hijiex maħsuba biex tingħata deċiżjoni finali fuq il-validità tat-titolu, iżda biss biex, jekk tirnexxi, tissospendi l-eżekuzzjoni tiegħu. Jekk is-sospensjoni tingħata, il-kreditur ikollu rimedju għax jista', kif tgħid il-liġi stess, jipproċedi b'kawża għall-kanonizzazzjoni tat-titolu tiegħu. Jekk iżda s-sospensjoni ma tingħatax, u titħalla li ssir l-eżekuzzjoni, id-debitur jibqa' bla rimedju wara proċedura li tkun qieset biss jekk *prima facie* għandux raġuni tajba biex jopponi l-eżekuzzjoni. Għalhekk huwa xieraq illi f'dawk iċ-ċirkostanzi d-debitur ikollu għall-inqas jedd ta' appell.

Ghal dawn l-istess ragunijiet, din il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` appellata.

Trattat il-meritu, ir-rikorrenti konjugi Schembri qajmu erba' aggravji kontra d-digriet tal-ewwel Qorti. Fl-ewwel lok, qed jigi sottomess illi ma ghandux jigi meqjus li l-kambjala giet effettivament girata, peress li s-suppost gira saret favur kumpanija "tal-istess azzjonisti, tal-istess diretturi u

fl-istess grupp tal-kumpanija illi ghamlet il-bejgh", is-socjeta` UCIM Co. Ltd.

Dan jista' jkun veru, pero`, f'dan l-istadju, iz-zewg kumpaniji ghandhom personalita` guridika separata u distinta wahda minn ohra, u l-fatt li r-rikorrenti ghandhom pretensjoni kontra kumpanija wahda "fi grupp", ma jwassalx ghall-fatt li kumpanija ohra fl-istess grupp tkun obbligata tersaq ghal xi forma ta' tpacija. Is-socjeta` debitrici tar-rikorrenti tista' forsi, tkun is-socjeta` UCIM Co. Ltd., li hi socjeta` indipendenti u distinta mis-socjeta` Pater Finance Co. Ltd., li hi l-possessur tal-kambjala. Jista' jkun, jekk ir-rikorrenti jirbhu l-kawza kontra UCIM Co. Ltd., u din tirrizulta falluta b'mod li ma tkunx tista' thallas id-dejn taghha, li r-rikorrenti jkollhom drittijiet kontra kumpaniji ohra fl-istess grupp (permess fil-ligi ta' kumpaniji f'certi cirkostanzi partikolari), pero`, f'dan l-istadju dan kollu hu intempestiv, ghax la darba l-kreditur fuq il-kambjala hija s-socjeta` Pater Finance Co. Ltd., ir-relazzjoni a bazi tal-istess kambjala hija biss bejn din is-socjeta` u r-rikorrenti, u c-cirkostanza li l-azzjonisti huma l-istess hi ghal kollox irrilevanti f'dawn il-proceduri.

Kambjala, darba girata, tassumi karattru indipendenti mill-obbligazzjoni li setghet wasslet ghall-hrug taghha, u t-terz possessur ghandu dritt jagixxi fuq dak li jidher 'on the face' tal-kambjala.

L-iskop ta' kambjala hija li tista' tigi girata malajr u meta tigi girata takkwista karattru awtonomu. Minghajr kambjala, kreditur jista' jaghmel kuntratt ta' cessjoni ta' dritt taht il-ligi civili, pero`, fil-konfront tat-terz akkwirent, id-debitur xorta jkun jista' jissolleva eccezzjonijiet li jolqtu n-negozju. Ghalhekk, ghall-kreditur, dan id-dritt ta' cessjoni ma tantx hu effettiv ghax ma tantx issib nies lesti jiehdu kreditu ta' haddiehor, u fl-istess hin jibqghu esposti ghall-kwistjonijiet inerenti ghall-obbligazzjoni li ghalih ma kienux parti. Ghalhekk inholqot il-kambjala. Peress li min jixtri kambjala, qed jixtri titolu ta' kreditu awtonomu, jaf li kwistjonijiet naxxenti mill-obbligazzjoni li waslet ghal dak il-kreditu jibqghu estranei ghalih, ghax hu, bhala terz akkwirent, jista' jfittex biss fuq il-kambjala.

L-ewwel aggravju qieghed, ghalhekk, jigi michud.

Bit-tieni u t-tielet aggravji taghhom, ir-rikorrenti jsostnu li, f'kull kaz, jezistu ragunijiet gravi u validi ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala. Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti qabilha, ma taqbilx mhux biss ghax, kif osservat l-ewwel Qorti, ir-rikorrenti qed jitolbu bidla tal-vettura u mhux thassir tal-bejgh, u l-prezz allura jrid xorta wahda jithallas, izda wkoll ghax, kif inghad, il-kambjala darba girata takkwista hajja awtonoma, u r-rikorrenti ma jistghux jostakolaw l-ezekuzzjoni tal-kambjala li giet iggirata a favur is-socjeta` Pater Finance Co. Ltd., minhabba allegat dritt kuntrattwali fil-konfront ta' socjeta` ohra. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tindaga, imqar fuq bazi *prima facie*, jekk ir-rikorrenti ghandhomx bazi ghar-reklam taghhom, ghax is-socjeta` venditrici <u>mhix possessur</u> tal-kambjala. Is-socjeta` Pater Finance Co. Ltd. hija l-possessur tal-kambjala u m'ghandha l-ebda konnessjoni mal-bejgh li sar bejn ir-rikorrenti u s-socjeta` UCIM Co. Ltd. Dan huwa meritu li ghandu jigi trattat indipendentiment u fi proceduri separati ghaliex dik il-kwistjoni ma tikkoncernax l-ezekuzzjoni tal-kambjali <u>minn terz possessur</u>. La darba l-kambjali giet iggirata a favur terz, huwa fil-konfront tat-terz possessur li jridu jigu allegati ragunijiet gravi u validi ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni, u mhux fil-konfront ta' persuna ohra li maghha t-terz m'ghandu ebda relazzjoni guridika.

Il-fatt li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) issospendiet l-ezekuzzjoni ta' kambjali ohra mhux rilevanti ghall-kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti. Kif qalet l-ewwel Qorti, dak li gie deciz minn qorti ohra se jibqa' hekk deciz, pero`, ma hemm xejn xi jzomm lil dik il-Qorti milli tikkonsidra hi l-materja fir-rigward ta' kambjala li fuqha ma kienx inghata provvediment, aktar u aktar meta tqis li ghat-talba li tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma kienetx saret kontestazzjoni. Bid-decizjoni li hadet, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma rabtitx qorti ohra u lanqas ma jfisser li allura jezistu ragunijiet gravi u validi ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' <u>kull kambjala</u> li nharget f'dan il-kaz. Kif inghad, kull kambjala hija indipendenti minn ohra, u dak li

jista’ jitqies rilevanti u materjali ghal kambjala wahda, mhux necessarjament japplika ghal kambjali ohrajn. Kif gia` inghad, din il-Qorti kkunsidrat li z-zewg socjetajiet involuti huma, u ghandhom hekk jitqiesu f’dan l-istadju, bhala wahda indipendenti mill-ohra, u l-ilmenti li r-rikorrenti jistghu jkollhom mas-socjeta` l-ohra ma jistghux jigu kkonsidrati bhala ragunijiet gravi u validi ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali li kienu f’idejn is-socjeta` intimata f’dawn il-proceduri. Kull meritu li jista’ jezisti f’kawza ohra bejn partijiet differenti, m’ghandux jigi trattat u mhallat ma’ kwistjoni li tikkoncerna l-ezekuzzjoni ta’ kambjali li gew iggirati.

Fl-ahhar aggravju taghhom, ir-rikorrenti jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti akkollat lilhom l-ispejjez kollha in prim istanza. Din il-Qorti, pero`, tara illi la darba r-rikorrenti kienu l-parti telliefa, l-ewwel qorti setghet u ghamlet sew takkolla l-piz tal-ispejjez fuq l-istess rikorrenti. X’gara in konnessjoni ma’ proceduri ohra huwa irrilevanti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, fl-ewwel lok tichad l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` appellata Pater Finance Co. Ltd. marbuta mal-improponabbilita` ta’ dan l-appell u, fit-tieni lok, tichad l-appell tar-rikorrenti konjugi Schembri, u b’hekk tikkonferma in toto d-digriet tal-ewwel Qorti tat-12 ta’ Awwissu, 2011.

L-ispejjez in prim istanza jithallsu kif iddecidiet l-ewwel Qorti, fil-waqt li dawk marbuta ma’ dan l-appell jithallsu kwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) mis-socjeta` Pater Finance Co. Ltd., u kwantu ghal zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-appellanti Dr. Kevin Schembri u martu Joanne Schembri in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------